**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 t' April 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Isse Yusuf Mohamud**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Isse Yusuf Mohamud ta' nazzjonalita Somala, imwieled nhar l-ghoxrinn (20) ta' Awwissu tas-sena elf disgha mija u tmienja u tmenin (1988), resident gewwa 2, Triq l-Iskola, Marsa u detentur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 0109791A

Akkuzat talli fl-10 ta' Jannar 2024, ghall-habta ta' bejn is-sitta ta' filghaxija (6:00pm) u s-sebgha ta' filghxija (7:00pm), gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Malta u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkometta serq ta' mowbajl, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u

bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta’ Liza Pace u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entita u/jew entitajiet ohra;

Artikolu 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. irrenda ruhu ricediv fit-terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija thaddem kontra l-hati d-dispozizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m’ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

**IL-FATTI**

5. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

i. Fl-10 ta’ Jannar 2024 ghal habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta’ fil-ghaxija (6.40pm), Liza Pace irraportat l-Ghassa tal-Marsa li ragel kien ghadu kemm serqilha l-mobile minn idejha. Hija qalet li kienet qieghda fi Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa bil-wieqfa tibghat messagg minn fuq il-mobile, meta ghadda ragel ta’ karnaggjon skur li kien liebes kappell, hadilha l-mobile minn idha u

telaq jigri 'l fuq fl-istess triq. Hija qalet li l-mobile kien tal-ghamla Redmi kulur blu.

ii. PS1127 Damien Caruana u PC 50 William Zerafa hargu jigru mill-Ghassa, u fi Triq is-Salib tal-Marsa raw ragel b'kappell go rasu u li jaqbel mad-deskrizzjoni li tat Liza Pace. X'hin dan ir-ragel ra lil Pulizija telaq jigri. Huma grew warajh. Huwa dahal f'kantuniera jew dahla fl-istess triq u rega' hareg wara ftit, u waqaf jigri.

iii. Il-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu, izda il-mobile ma nstabx. Imbaghad il-Pulizija ghamlet tfittxija fil-kantuniera fejn huwa kien dahal, u l-mobile instab hemm mohbi fil-haxix. Il-mobile li instab jaqbel mad-deskrizzjoni li tat Liza Pace.

iv. Ir-ragel gie arrestat u identifika ruhu bhala Isse Yusuf Mohamud. Huwa gie infurmat bir-raguni tal-arrest tieghu u bid-drittijiet tieghu, u gie eskortat l-Ghassa.

v. Il-Pulizija ikkonfermat li l-mobile li instab kien ta' Liza Pace, ghax hija fethet dan il-mobile bil-password.

vi. Konsegwentement ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-htija**

6. PS1127 Damien Caruana u PC 50 William Zerafa ikkonfermaw il-fatti fuq elenkati fix-xhieda taghhom waqt dawn il-proceduri.

7. Lisa Pace, li hija l-vittma u x-xhud principali, ma xehditx f'dawn il-proceduri. Il-Qorti taghmilha cara li dan ma garax ghal xi raguni imputabbli lill-Prosekuzzjoni, li ippruvat tharrika bhala xhud sa mill-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta. Il-Prosekuzzjoni ghamlet diversi tentattivi sabiex tirrintracca lil din ix-xhud, izda anke meta giet notifikata biex tidher naqset li tidher. Il-Pulizija ghamlet diversi tentattivi sabiex jigi ezegwit mandat t'arrest fil-konfront taghha, izda kienu fin-negattiv. Fl-ahhar

giet rintraccata gewwa Dar l-Impenn, u konsegwentement ma setghax tattendi ghas-seduti tal-Qorti f'dak l-istadju. In vista tal-fatt li l-imputat qed jinzamm taht arrest preventiv u ghalhekk il-proceduri ma setghux jittawlu inutilment, din il-Qorti iddikjarat l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni maghluq.

8. Id-difiza tissottometti li fin-nuqqas tax-xhieda ta' Liza Pace, ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex tinstab htija fil-konfront tal-imputat. Id-difiza tissottometti li anke dak li l-Pulizija xehdu li qaltilhom Liza Pace ghandu jigi skartat, ghax dak li qalet il-vittma jikkonsisti fi hearsay evidence, li huwa inammessibli.

9. Il-Qorti tosserva li fil-ligi Maltija, ir-regola li tipprojbixxi l-hearsay evidence mhix wahda assoluta, imma hija soggetta ghal diversi eccezzjonijiet (ara l-Artikoli 588 u 589 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rezi applikabbli ghal proceduri kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9). Fil-fatt l-Artikolu 589 tal-Kapitolu 12 jippreskrivi hekk:

*"Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, … …"*

10. Fis-sentenza **Joseph Mary Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-13 ta' Jannar 1988, il-Qorti Kostituzzjonali irreniet hekk:

*"Ghandu jizdied kwantu ghall-oggezzjoni ta' l-appellanti li huma gew privati mid-dritt tal-kontroezami ta` dan il-haddiehor moghti lilhom b`ligi, li r-risposta ghalih tinsab ukoll fis-sentenza fuq citata "Francesca Seychell et vs Antonio Seychell et"[1] fejn inghad: "Il-konsiderazzjoni li dawk id-dikjarazzjonijiet m`humiex b'gurament ma tistax tigi dejjem mehuda in kalkolu, ghar-raguni li meta l-legislatur qal li tista` tkun ammessa prova simili kien qed jammetti prova ta` bla gurament u li ma setax fiha ikun hemm il-kontro-ezami; jekk imbaghad ix-xhieda jirriferixxu "il detto di terze persone" imperfettament, hija materja biss ta` apprezzament. Kieku kien xort`ohra, taht l-ebda cirkustanza ma kienu jistghu jkunu ricevuti detti simili bhala prova. Ghalhekk ir-*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 1936 Vol. XXIX-I-570.

*risposta ghall-imsemmija oggezzjoni hija li l-ligi stess tippermetti f'certi kazijiet il-"hearsay evidence" u ghalhekk qeghda tippermetti prova bla kontroezami. Fost dawn il-kazijiet jaqa ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-kaz prezenti.*

*Naturalment, kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati, il-gudikant, f'kazi simili, ghandu juza cirkospezzjoni kbira qabel ma jircievi il-"hearsay evidence" bhala prova konkludenti."*

11. Il-kaz prezenti jaqa' wkoll fost ir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 589 tal-Kapitolu 12, ghaliex Liza Pace ma setghetx tingieb bhala xhud f'dawn il-proceduri. Huwa ghal din ir-raguni li din il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni wkoll – flimkien mal-provi l-ohra akkwiziti – dak li Liza Pace qalet lill-Pulizija.

12. Id-difiza tissottometti li d-deskrizzjoni li tat il-vittma tal-halliel kienet vaga hafna: ragel ta' karnaggjon skur u li kien liebes kappell. Id-difiza kien ikollha ragun kieku l-incident gara fil-ghodu f'xi gurnata tas-sajf x'imkien hdejn il-bahar. Pero certament mhux okkorrenza ta' kuljum li ragel ikun liebes kappell fl-eqqel tax-xitwa f'gurnata f'Jannar fis-sebgha neqsin ghoxrin ta' fil-ghaxija (6.40pm) waqt li miexi fi triq fil-Marsa. Ir-ragel li l-Pulizija raw jigri kien mhux biss ta' karnaggjon skura izda liebes kappell. Dan mhux biss jirrizulta mix-xhieda tal-Pulizija izda wkoll mir-ritratti tal-imputat bil-hwejjeg li gie arrestat bihom, mehuda mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Sarah Zerafa.[2] Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ukoll ikkonferma li kien liebes il-kappell li gie muri mill-ispettur Zerafa.[3]

13. Fl-interrogazzjoni tieghu, meta l-imputat gie mistoqsi ghalfejn gera meta ra lil Pulizija warjah, huwa wiegeb hekk: *"I ran from the Police because I saw them run behind me. Then I stopped when when they tell me to stop ... ... I was afraid because of running. Then I stopped."*[4] Skond ma qal hu stess fl-istqarrija tieghu, l-imputat ilu jghix hawn Malta mill-2013. Logikament ma hemm l-ebda raguni valida ghalfejn hu kellu jitlaq jigri meta ra Pulizija jigru warajh, u imbaghad meta jfettilu jieqaf jigri. L-unika raguni

[2] Ara fol.23 – 25 tal-atti processwali.
[3] Ara fol. 12 tal-atti processwali.
[4] Ara fol. 13 tal-atti processwali.

li ta l-imputat ghalfejn telaq jigri hu ghaliex beza', pero ma jghidx ghaliex u minn x'hiex beza', u ghaliex f'punt minnhom waqaf jigri ghax prezubilment ma baqax jibza'.

14. Huwa rilevanti, li mix-xhieda ta' PS 1127 u PC 50 jirrizulta ampjament li l-imputat waqaf jigri, wara li kien dahal f'kantuniera jew dahla fl-istess triq, u rega' hareg. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma spjegax ghalfejn dahal fil-kantiera u rega' hareg.

15. Huwa vera li l-mobile ma nstabx fuq il-persuna tieghu, pero instab mohbi fil-haxix fil-kantuniera li fiha dahal l-imputat qabel waqaf jigri. Il-mobile li instab fil-haxix kien tal-ghamla Xiaomi Redmi ta' kulur blu[5] – cioe mobile tal-istess ghamla u kulur li Liza Pace irraportat li gie misruq minnha. In oltre, il-Pulizija ikkonfermat li l-mobile kien taghha, ghax hija fethitu quddiemhom bil-password.[6]

16. Dawn il-manuvri tal-imputat fit-triq, flimkien mal-fatt li kien liebes kappell, joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (*circumstantial evidence)* li jippuntaw kollha f'direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat huwa l-persuna li kien seraq il-mobile ta' Liza Pace, telaq jigri meta ra l-Pulizija warajh, u wara li heba il-mobile fil-haxix fil-kantuniera li dahal fiha sabiex ma jinsabx fuq il-persuna tieghu, waqaf jigri. Ghaldaqstant, mill-provi prodotti jirrizulta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta reat ta' serq.

17. Id-difiza tissottometti wkoll li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq provi dwar il-valur tal-mobile. F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-opinjoni li d-difiza ghandha ragun. Mill-provi jirrizulta li l-mobile kien tal-ghamla Redmi Xiaomi u fir-rapport taghha lill-Pulizija Liza Pace qalet li xtratu madwar tlett mitt Euro (€300). Pero mill-provi ma tirrizultax id-data meta dan il-mobile inxtara u lanqas dettalji sufficjenti dwar il-mudell tal-mobile sabiex din il-Qorti tkun tista' tghid jekk dan il-prezz hux wiehed ragonevoli jew le. Dan ma garax minhabba nuqqas tal-Prosekuzzjoni, izda ghaliex kif inghad Liza Pace naqset li titla' tixhed meta giet imharrka biex taghmel dan.

18. F'dan l-istat tal-provi, u kunsidrat li ai termini tal-Artikolu 267 tal-Kodici Kriminali, is-serq huwa kwalifikat bil-valur meta l-oggett misruq jkun jiswa izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), il-Qorti hija tal-opinjoni li l-

[5] Ara fol. 29 tal-atti processwali.
[6] Ara fol. 16 tal-atti processwali.

Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-valur tal-mobile misruq kien jeccedi dan l-ammont.

19. Pero ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li hija m'ghandha l-ebda dubbju li illum il-gurnata mobile li jahdem, inkluz dak in kwistjoni, jiswa izjed minn tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29).

20. Rigward il-kwalifika tal-hin, is-serq sehh f'gurnata f'Jannar ghal habta tas-6.40pm, u ghalhekk wara li x-xemx tkun ilha li nizlet.

21. Il-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll li huwa recidiv fir-reat ta' serq u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) moghtija fit-28 ta' Jannar 2020 li giet ezebita in atti, u bix-xhieda tal-Ispettur Darryl Borg li ikkonferma li l-hati f'dik is-sentenza huwa l-imputat odjern.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

22. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu kundanna wahda biss minn dawn il-Qrati, ghal zewg reati ta' serq ikkwalifikat u ksur tal-ligijiet tas-sewqan. Huwa inghata piena karcerarja ta' tletin (30) xahar ghal dawn ir-reati.

23. Id-difiza issottomettiet ukoll li l-Qorti ghandha tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-vittma ma sofriet l-ebda pregudizzju ghax il-mobile gie ritornat lilha. Ghalkemm dan huwa veru, dan ma garax ghax l-imputat iddispjacieh milli ghamel, u ta lura l-mobile minn jeddu lill-Pulizija, imma dan huwa dovut ghad-diligenza u l-efficjenza tal-ufficjali tal-Pulizija koncernati li agixxew fil-pront. Li kien ghal imputat, il-mobile kien jibqa' mohbi fil-haxix, fejn hbieh.

**Konkluzjoni**

27. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(f), 270, 281(a), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu pero limitatament ghal serq ikkwalifikat bil-hin, kif ukoll issibu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

2. Ma issibx lill-imputat hati ghall-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-valur, u ghalhekk qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni limitatament in kwantu jirrigwarda din il-kwalifika tal-valur biss.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sena li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**